MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1087/2005

**Alfred Spiteri**

**Vs**

**Roselle Borg Pulis u  Edward Borg,**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-esponenti Alfred Spiteri talab  hlas fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin LM600 rapprezentanti kumpens dovut lill-attur ghall-involviment tieghu bhala sensar tal-bejgh tal-bastiment 'Lady Ro' u dana kif miftiehem bejn l-attur u l-konvenut jif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-Ispejjez, bl-imghax   u l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenuti fejn eccepixxu :

1.) Illi *in linea* preliminari l-azzjoni hija ntempestiva u dan stante lli l-ftehim kien li l-hlas ta' senserija dovuta tithallas lill-attur meta jithallsu l-konvenuti u jekk il-bejgh isir bil-prezz miftiehem u cioe' ta' Lm35,000 kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

2.) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez, bl-imghax u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skond il-Ligi.

It-Tribunal ra x-xhieda kif ukoll semgha x-xhieda.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet.

Ra l-atti kollha.

Semgha t-trattazzjoni taz-zewg partijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza titratta dwar somma pretiza bhala senserija wara bejgh ta' bastiment bl-isem 'Lady Ro.' Illi l-attur qieghed jippretendi s-somma ta' sitt mitt Lira (LM600) bhala senserija mill-konvenut li bejgh l-istess bastiment ghas-somma ta' disgha u ghoxrin elf u mitejn Lira (LM29,200). Illi l-konvenut qieghed jichad ll ghandu jaghti s-somma ta' LM600 izda li hu kien lest ihallas dik is-somma jekk il-bejgh isir ghal LM35,000. Il-bastiment inbejgh ghal LM29,200 izda l-attur xorta wahda ppretenda l-ammont ta' LM600 ghaliex kif intqal fix-xhieda tieghu dak kien il-ftehim. Skond ix-xhieda tal-attur il-prezz miftiehem kien ta' LM600 independentement mill-prezz li jinbejgh l-bastiment.

Skond ix-xhieda tal-konvenut hu kien lest li jaghti lill-attur s-somma ta' LM500 u 'xi haga ohra' biss jekk il-bastiment jinbejgh ghal LM35,000.

It-Tribunal ghalhekk ikkonstata lli kien hemm ftehim maqbul bejn iz-zewg partijiet li tithallas senserija f'ammont, izda l-partijiet mhumiex qieghdin jiftehmu dwar il-kwantum jekk kellux ikun LM600 independentement mill-prezz ta' bejgh jew jekk ghandux ikun inqas.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-ammont rikjest mill-attur bhala senserija minghand il-konvenut originarjament kien ta' LM500. Il-Konvenut minn jeddu kien offrilu li jhallsu xi haga zejda jekk il-bejgh isir u skond ix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien lest jaghtih is-somma ta' LM600 jekk il-bastiment jinbejgh ghal LM35,000. Din il ' xi haga zejda ' giet stabbilita bhala mitt Lira miz-zewg kontendenti. Il-Konvenut eventwalment ma kienx irnexxielu jbejgh il-bastiment bil-prezz mitlub ta' Lm35,000 u l-bejgh effetivament sar ghal LM29,200 skond ix-xhieda tal-kumpratur.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jipprovdi lli l-partijiet kienu ftehmu somma u mhux percentwali. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana lli fin-nuqqas ta' ftehim, is-senserija ghandha tkun ta' wiehed fil-mija tal-prezz maqsum b'nofs bejn il-partijiet. Izda fil-kaz odjern jidher li kien hemm ftehim mall-venditur u l-ftehim kien ghall sitt mitt Lira jekk il-bastiment jinbejgh ghal LM35,000.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li s-senserija f'dan il-kaz m'ghandhiex tigi ikkalkulata b'persentagg kif huwa mitlub mill-konvenut. It-Tribunal pero' mhuwiex konvint illi l-attur jimmerita dawk il-mitt Lira iktar ghaliex wara kollox il-bejgh ma kienx ta' LM35,000 izda inqas u hekk kif l-konevnut irriduca t-talba tal-prezz tal-bastiment ghandu ukoll l-attur jirriduci l-ammont mitlub minnu. Ghalhekk it-Tribunal b'sens ta' gustizzja u ekwita' ihoss illi l-ammont xieraq fil-kaz ghandu jibqa' l-prezz originarjament rikjest u accetat bejn il-partijiet u cioe' ta hames mitt Lira (LM500.)

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi fil-waqt illi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament kif fuq spjegat, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mitt Lira lill-attur, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------